# L-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex

SETTEMBRU 2023



L-AWTORITÀ GĦALL-IŻVILUPP
REĠJONALI T'GĦAWDEX

**Pubblikazzjoni ta'**

L-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex
75, Triq ir-Repubblika, Victoria (ir-Rabat), Għawdex, Malta
Tel: +356 22156333
www.grda.mt

Data tal-pubblikazzjoni: Settembru 2023

Din il-pubblikazzjoni ma tistax tintuża fi kwalunkwe format jew forma.
Dan il-materjal huwa propjetà tal-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex.
Mistoqsijiet dwar din il-pubblikazzjoni għandhom jintbagħtu fuq info@grda.mt
Disinn minn Keen Ltd. © 2023

# KONTENUT

| | | |
|---|---|---|
| KAPITLU 1 | **L-Għan u l-Istatus** | **4** |
| | L-isfond legali | 5 |
| | Il-proċess tat-tfassil tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali | 5 |
| | L-istruttura tad-dokument | 6 |
| KAPITLU 2 | **Nifhmu lil Għawdex** | **7** |
| | L-aspetti pożittivi | 8 |
| | L-aspetti negattivi | 8 |
| | L-opportunitajiet | 9 |
| | L-isfidi | 9 |
| KAPITLU 3 | **Viżjoni Komuni għal Għawdex** | **10** |
| | Għawdex: Gżira ta' villaġġi | 11 |
| | Il-kisba tal-viżjoni | 11 |
| KAPITLU 4 | **Il-Promozzjoni tal-Użu Sensibbli tal-Art u tal-Ambjent** | **12** |
| | **L-Ippjanar tal-Ispazju u s-Sostenibilità tal-Iżvilupp Urban** | **14** |
| | Disinn li jirrispetta l-karattru | 15 |
| | Il-ħtieġa ta' iktar spazji miftuħa | 15 |
| | Titjib fl-immaniġġjar tal-iskart | 15 |
| | Il-promozzjoni ta' binjiet ambjentali | 15 |
| | Bidla fil-mobilità | 15 |
| | Toroq għall-ħtiġijiet tan-nies | 15 |
| | Ir-riġenerazzjoni tal-pjazez Għawdxin | 16 |
| | Ir-rijabilitazzjoni tal-binjiet vojta | 16 |
| | **L-Infrastruttura u l-Aċċessibilità** | **17** |
| | Tisħiħ fis-servizz tal-konnettività bejn Malta u Għawdex | 18 |
| | Immodernizzar tal-Gozo Rural Airfield | 18 |
| | Titjib u l-bini mill-ġdid tat-toroq arterjali, sekondarji u residenzjali | 18 |
| | Użu aħjar tal-ilma | 19 |
| | Titjib fil-Port tal-Imġarr | 19 |
| | Reviżjoni tal-Carrying Capacity t'Għawdex | 19 |
| | Analiżi mill-ġdid tal-ħtieġa tal-mina t'Għawdex | 19 |

**L-Iżvilupp Rurali** **20**

L-inkoraġġiment għat-tkabbir tal-ikel u l-ispeċi Għawdxin 21
Żieda fl-għarfien dwar l-ikel u prodotti Għawdxin 21
Id-distribuzzjoni tan-New Water għall-bdiewa Għawdxin 21
Ħajja mill-ġdid lill-komunità rurali Għawdxija 21
Possibilità ta' servizz ta' pariri għall-bdiewa 21
Ir-rijabilitazzjoni tal-widien u r-restawr tal-bjar 21
Il-ħarsien tas-siti Natura 2000 21
L-estensjoni tal-programm ta' afforestazzjoni 21

KAPITLU 5 Il-Bilanċ bejn it-Tkabbir Ekonomiku u l-Kwalità tal-Ħajja **22**

**L-Iżvilupp Ekonomiku u l-Ħiliet tan-Nies** **24**

Iktar xogħol amministrattiv f'Għawdex 25
Analiżi tal-profil tal-ħiliet 25
Appoġġ edukattiv u l-opportunitajiet ta' taħriġ f'Għawdex 25
Appoġġ għal attivitajiet t'impjiegi ta' kwalità 25
Appoġġ lin-negozji żgħar u medji Għawdxin 25
Il-ħolqien ta' spirtu imprenditorjali fost iż-żgħażagħ Għawdxin 25
L-integrazzjoni tad-dimensjoni Għawdxija 25

**Ekonomija Ġdida** **26**

Appoġġ lill-istrutturi ekonomiċi f'setturi ġodda 27
Appoġġ lill-ħidma fir-riċerka 27
Attrazzjoni għad-digital working nomads 27
Għawdex bħala Ċentru t'Eċċellenza fl-industrija tal-Agritech 27
Appoġġ għal iktar innovazzjoni u teknoloġija fis-settur mediku 27
Appoġġ lill-isforzi għad-dekarbonizzazzjoni 27

**Turiżmu Sostenibbli** **28**

Titjib fil-kapaċità tal-operaturi turistiċi 29
Tisħiħ fil-kwalità tal-impjegati fl-industrija tal-ospitalità 29
L-iżvilupp ta' niċeċ turistiċi 29
Promozzjoni tal-karattru u t-tradizzjonijiet Għawdxin 29
Tisħiħ fl-industrija tal-għadds 29

KAPITLU 6 It-Tisħiħ tal-Identità t'Għawdex 30

**L-Iżvilupp Soċjali** **32**

Titjib fil-programm t'appoġġ għall-immigranti 33
Tisħiħ tad-diversità 33
Il-ħtiġijiet tal-anzjani u l-promozzjoni tal-anzjanità attiva 33
Il-ħin liberu u l-isport 33
Titjib fil-kwalità tas-servizzi soċjali u tisħiħ fl-infrastruttura soċjali 33
Assessjar tal-ħtiġijiet fl-akkomodazzjoni u l-ippjanar tal-inħawi tal-madwar 33

**Il-Kultura, il-Patrimonju u l-Arti** **34**

Promozzjoni tal-identità tal-irħula Għawdxin 35
Promozzjoni u protezzjoni tal-patrimonju u l-kultura Għawdxija 35
Tisħiħ tas-settur volontarju 35
Ħidma dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-kultura 35
Lejn it-titlu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 35
Ħidma biex iċ-Ċittadella tiġi dikjarata Sit Patrimonju Dinji tal-UNESCO 35

KAPITLU 7 Kwistjonijiet Globali, Azzjoni Lokali 36

Is-sostenibilità u newtralità klimatika 37
L-għanijiet għall-iżvilupp sostenibbli 38

KAPITLU 1

# L-Għan u l-Istatus



# L-Isfond Legali

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex (GRDA), li twaqqfet permezz tal-Att dwar l-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex XVIII tal-2019 Kap. 600, huwa t-tfassil ta' Strateġija għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex (RDS) u t-twettiq tagħha.

Infatti, Artiklu 8(1)(a) tal-Att tal-GRDA jgħid li:

> *Għandha ssir konsultazzjoni mal-Gvern, is-settur privat, il-korpi kostitwiti u l-għaqdiet mhux governattivi, kif ukoll iċ-ċittadini b'rabta max-xogħol li jsir dwar it-tfassil tal-istrateġija għall-iżvilupp reġjonali t'Għawdex.*

Id-dokument dwar l-Istrateġija Reġjonali għandu l-għan li jservi bħala l-għodda ewlenija fl-iżvilupp t'Għawdex, b'viżjoni ċara u koerenti, u fl-istess waqt ikollu viżjoni għall-għaxar snin li ġejjin.

It-tfassil tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali għandha l-għan li:

- Tippromwovi lill-gżira Għawdxija bħala reġjun u tagħti valur lill-karatteristiċi t'Għawdex;
- Isservi bħala strateġija għall-iżvilupp territorjali t'Għawdex għall-perjodu bejn l-2023 u l-2033;
- Tkun konsistenti ma' strateġiji oħrajn li jeżistu diġà fuq livell nazzjonali, tal-Unjoni Ewropea u globali.

# Il-Proċess tat-Tfassil tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali

L-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali tfasslet fuq tliet stadji.

### L-EWWEL STADJU
**Il-pubblikazzjoni tad-dokument ta' konsultazzjoni**

F'Lulju tal-2021, il-GRDA ippubblikat dokument ta' konsultazzjoni dwar l-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali. Il-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument qanqlet dibattitu fost il-pubbliku ġenerali u l-partijiet konċernati dwar it-tfassil tal-istrateġija għal Għawdex għall-għaxar snin li ġejjin.

Id-dokument jislet il-viżjoni tal-GRDA għal Għawdex u r-rwol tal-Awtorità biex tikseb din il-viżjoni. Id-dokument identifika tmien setturi ta' prijorità li għandhom l-għan jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi t'Għawdex. Dawn il-prijoritajiet iħaddnu l-isforzi għall-protezzjoni tal-istil tal-ħajja tal-Għawdxin – b'rispett lejn l-ambjent, ir-riżorsi, il-kultura u l-identità. Dawn kollha jiżguraw li jkollhom rwol sinifikanti u li jirrifletti l-komunità vibranti li tiġbed lejha viżitaturi u investituri fuq il-gżira fl-istess waqt li jintlaħaq bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli. Finalment, id-dokument ta' konsultazzjoni jagħti wkoll ħarsa ħafifa lejn il-metodoloġija użata mill-Awtorità biex tassessja u tipprijoritizza l-miżuri.

### IT-TIENI STADJU
**Il-proċess ta' konsultazzjoni**

Biex tfasslet l-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex, il-GRDA kisbet rispons minn għadd ta' partijiet konċernati, fosthom entitajiet stabbiliti u għaqdiet mhux governattivi dwar it-tmien setturi ta' prijorità, kif ukoll il-miżuri u l-azzjoni xierqa fejn jeħtieġ tingħata prijorità. Dan sar bi proċess ta' konsultazzjoni matul l-2021.

Il-proċess ta' konsultazzjoni sar biex jintlaħqu dawn l-għanijiet:

i. Jinħoloq proċess għall-iżvilupp ta' strateġija trasparenti u inklussiva;
ii. Jagħtu sehemhom għadd ta' partijiet konċernati bi sfond u esperti varji;
iii. Titqajjem kuxjenza fost il-komunità Għawdxija dwar it-tfassil u t-twettiq tal-istrateġija ġdida għal Għawdex;
iv. Tingħata opportunità lin-nies biex isemmgħu leħinhom;
v. Jitjiebu r-rilevanza, il-kwalità u l-valur miżjud tal-istrateġija għall-iżvilupp reġjonali.

Matul il-perjodu ta' konsultazzjoni, il-GRDA organizzat tliet laqgħat pubbliċi li matulhom l-Awtorità setgħet tinkludi s-sehem tal-pubbliku f'dan il-proċess. Il-GRDA organizzat ukoll iktar minn 30 laqgħa bilaterali ma' entitajiet tal-Gvern, għaqdiet mhux governattivi u partijiet oħra konċernati. Ċentrali fil-proċess ta' konsultazzjoni kienet il-formazzjoni ta' tmien gruppi tekniċi ta' ħidma, li kull wieħed minnhom iffoka fuq settur ta' prijorità li ssemmew iktar qabel. Dawn il-gruppi tekniċi ta' ħidma kellhom is-sehem ta' mat-80 persuna bi sfont differenti, esperti fil-qasam tagħhom, u rappreżentanti ta' entitajiet differenti.

## IT-TIELET STADJU
**Analiżi tar-Rispons**

Matul il-proċess ta' konsultazzjoni l-GRDA irċeviet iktar minn 350 idea, proposta u suġġeriment, fosthom rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib u t-tibdil fil-miżuri li kienu preżentati fid-dokument ta' konsultazzjoni u proposti għal miżuri ġodda li kienu ssemmew fid-dokument oriġinali.

L-Awtorità irrevediet, analizzat u kkunsidrat l-ideat u l-proposti kollha li waslulha waqt il-proċess ta' konsultazzjoni. Kull rakkomandazzjoni kienet ikklassifikata skont ir-relevanza tagħha (għolja/medja/baxxa).

Rakkomandazzjoni tqieset ta' importanza kbira jekk kienet tissodisfa dawn il-kriterji:

- Titjib fil-kwalità tal-istrateġija;
- Titjib fir-relevanza tal-istrateġija;
- Valur miżjud lill-istrateġija.

Finalment, kull rakkomandazzjoni li laħqet dawn il-kriterji kienet ikkunsidrata biex tkun inkluża f'dan id-dokument.

# L-Istruttura tad-Dokument

Dan il-proċess kollu wassal għad-dokument finali tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex. Id-dokument jibda billi jippreżenta ħarsa dettaljata tar-realtà soċjo-ekonomika t'Għawdex, l-għan li tiġi ippreżentata l-istampa tal-aspetti pożittivi, negattivi, l-opportunitajiet u l-isfidi f'Għawdex. Dan serva bħala bażi għall-viżjoni għal Għawdex, li hija parti importanti ħafna tal-istrateġija minħabba li turi l-filosofija ewlenija tal-viżjoni kollha għal Għawdex. Il-kapitli l-oħrajn jirrappreżentaw il-qofol tal-istrateġija għall-iżvilupp reġjonali u jkopru tliet temi ewlenin: (1) il-promozzjoni tal-użu sensibbli tal-art u tal-ambjent; (2) il-bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u l-kwalità tal-ħajja; u (3) it-tisħiħ tal-identità t'Għawdex. Kull tema għandha prijoritajiet speċifiċi li jagħtu lok għal miżuri strateġiċi li jridu jsiru biex tinkiseb il-viżjoni għal Għawdex. L-aħħar parti tad-dokument tagħti dimensjoni usa' lill-istrateġija għall-iżvilupp reġjonali, b'miżuri strateġiċi li jwasslu għall-kisba tal-għanijiet għal żvilupp sostenibbli globali.

KAPITLU 2

# Nifhmu lil Għawdex

Kull strateġija, speċjalment meta tkun immirata biex twitti t-triq għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku għandha tkun imfassla skont ir-realtajiet attwali. Teħtieġ tirrikonoxxi l-aspetti pożittivi li wasslu biex Għawdex kien reżiljenti fil-passat, iżda wkoll jeħtieġ li wieħed jifhem ukoll l-aspetti negattivi li jridu jkunu indirizzati mingħajr ma jxekklu l-attrazzjoni u r-reżiljenza tal-gżira.

Minbarra l-analiżi tal-passat u l-monitoraġġ ta' dak li qed iseħħ fil-preżent, strateġija għall-iżvilupp fuq kollox teħtieġ tħares lejn il-ġejjieni. Biex isir hekk, huwa importanti li jkunu eżaminati l-isfidi. Meta jiġu identifikati l-isfidi jrid isir eżerċizzju ħolistiku tal-fatturi kollha li jistgħu jbiddlu l-imġieba, fosthom minħabba żbalji li saru fil-passat. L-aħħar stadju jeħtieġ jidentifika l-opportunitajiet. L-opportunitajiet m'għandhomx ikunu limitati għall-preżent, iżda iktar minn hekk, iridu jkunu relevanti b'mod partikolari għall-futur.

Din is-sezzjoni tippreżenta analiżi bil-għan li tidentifika l-aspetti pożittivi li sawru din l-istrateġija, tindirizza d-dgħufijiet, tesplora opportunitajiet u tillimita l-isfidi matul iż-żmien li fih se tkun imwettqa din l-istrateġija. Din is-sezzjoni mistennija tnaqqas id-differenzi bejn il-ħtieġa tal-iżvilupp u t-temi li potenzjalment għandhom jiġu żviluppati minn din l-istrateġija.



*Tabella 1: Nifhmu lil Għawdex*

| L-ASPETTI POŻITTIVI | L-ASPETTI NEGATTIVI |
|---|---|
| Minkejja ċ-ċokon, Għawdex joffri karatteristiċi ġeo-fiżiċi attraenti, bil-kosta tesponi fatturi differenti fuq medda ta' ftit kilometri | Iċ-ċokon jillimita l-volum *(economies of scale)* |
| Għawdex tradizzjonalment meqjus bħala trankwill fejn sa ftit tas-snin ilu n-nies kienu litteralment iħallu l-bibien ta' barra tad-djar tagħhom miftuħin. Għalkemm iż-żminijiet inbidlu, Għawdex jibqa' wieħed mill-iktar postijiet siguri fid-dinja | Għawdex jista' jitqies bħala estensjoni ta' Malta |
| Il-patrimonju tanġibbli u intanġibbli huma f'saħħithom ħafna speċjalment meta mqabbla mad-daqs tal-gżira. Għawdex huwa mogħni bl-istorja, ir-reliġjon u l-kultura u huma prominenti sew fil-gżira | Il-wirt kulturali jeħtieġ jiġi rivedut, speċjalment dak privat |
| Suq turistiku b'saħħtu | Diversifikazzjoni limitata tal-attività ekonomika b'dipendenza għolja fuq l-industrija turistika |
| Is-servizzi mill-produttur għall-konsumatur jaslu malajr | Spejjeż għoljin għan-negozji minħabba l-insularità doppja |
| Konnettività tajba bit-toroq | Infrastruttura limitata minħabba d-daqs tal-gżira |
| Sistema tajba tat-trasport pubbliku | Spejjeż għoljin ta' trasport għan-negozju |
| Is-suq tax-xogħol huwa relattivament flessibbli u għandu l-ħiliet. Iktar minn hekk, minħabba l-fatturi kulturali, fosthom kompetizzjoni għolja għall-opportunitajiet, Għawdex għandu rata ogħla ta' ħaddiema b'edukazzjoni terzjarja | Nuqqas ta' ħaddiema Għawdxin b'ħiliet *(brain drain)* u skarsezza fis-suq tax-xogħol, speċjalment dawk bi kwalifiċi f'qasam partikolari |
| Numru sabiħ ta' organizzazzjonijiet sportivi | Is-sistema ta' trasport bejn il-gżejjer hija dipendenti l-iktar fuq il-Port tal-Imġarr |

## L-OPPORTUNITAJIET

Tisħiħ fl-infrastruttura li ttejjeb il-konnettività, kemm fiżika u diġitali, u li tissarraf fi kwalità ogħla

Konservazzjoni tal-patrimonju kulturali Għawdxi, inkluż postijiet storiċi ewlenin kif ukoll il-ħiliet u t-teknika tradizzjonali

Protezzjoni u promozzjoni tal-ambjent Għawdxi bil-preservazzjoni tal-ilma tax-xita, immaniġġjar aħjar tal-bajjiet u l-kosta, kif ukoll l-għażla ta' spazji miftuħa

Użu mill-ġdid ta' binjiet eżistenti bir-rinnovar ta' propjetà antika u mitluqa

Żvilupp ta' niċeċ ġodda fit-turiżmu u setturi ekonomiċi oħrajn

Attrazzjoni ta' investiment dirett barrani billi Għawdex isir destinazzjoni attraenti għall-espansjoni u l-iżvilupp ta' negozju minħabba l-potenzjal ta' ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa u l-kwalità tal-ħajja tal-gżira

Promozzjoni għal Għawdex bil-għan li jsir post ta' ideat ġodda u innovattivi

Enfasi fuq l-investiment diġitali u teknoloġiku biex jagħti spinta lill-produzzjoni lokali

Diversifikazzjoni u adattament tal-ekonomija Għawdxija skont ix-xejriet demografiċi u l-ħtiġijiet tal-industrija

Jingħata iktar valur lill-identità t'Għawdex, aspett li għandu jkun ċentrali fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-gżira

Bidla għall-modi ta' trasport b'użu baxx tal-karbonju, żieda fl-użu tat-teknnoloġija għal enerġija rinovabbli, iktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' binjiet ambjentali

Tisħiħ fil-qasam soċjali u promozzjoni tal-inklużjoni fil-komunità ta' persuni li mhumiex Għawdxin

Żieda fil-provista u l-aċċess għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja u trattamenti mediċi speċjalizzati

## L-ISFIDI

Pressjoni fuq l-ambjent minħabba ż-żieda fl-attività u l-kompetizzjoni għall-ispazju

Għawdex qed jirriskja li jitlef l-identità tiegħu u jsir iktar bħal Malta fejn jidħlu sfidi u restrizzjonijiet

Il-bidla fil-klima tista' tħalli impatt negattiv fuq l-ambjent rurali tal-gżira

Żieda fil-pressjoni fuq l-użu tal-art minħabba l-bini u l-iżvilupp fis-settur tal-propjetà

Bidliet fl-ekonomija nazzjonali u globali jistgħu jżidu l-pressjoni fuq l-ekonomija Għawdxija

Minkejja li t-theddida tal-ġentrifikazzjoni naqset fl-aħħar snin minħabba konnettività aħjar u ż-żieda fl-użu tat-teknoloġija, jeħtieġ monitoraġġ kontinwu tal-periklu ta' ħaddiema kwalifikati, speċjalizzati u b'ħiliet li jitilqu min Għawdex

Il-patrimonju arkitettoniku u rurali Għawdxi huwa dipendenti ħafna fuq il-ħiliet tradizzjonali. Matul is-snin, naqset il-ħajra għall-kisba ta' dan it-tip ta' ħiliet, u b'hekk dan il-patrimonju jinsab f'riskju li jintilef

Matul is-snin, żdied sew in-numru ta' persuni mhux Għawdxin joqogħdu fil-gżira. Filwaqt li dan ikkontribwixxa għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżira u Għawdex sar iktar soċjetà miftuħa, iżda dan il-fattur qed ikun ta' sfida għall-identità Għawdxija u kultant jirriżulta f'iktar problemi soċjali

Il-popolazzjoni Għawdxija qed issir iktar anzjana mas-snin minħabba li ż-żgħażagħ qed ifittxu opportunitajiet ta' xogħol barra l-gżira

Iż-żieda fil-popolazzjoni u d-domanda għall-vetturi privati qed jikkawżaw żieda fil-konġestjoni tat-traffiku u iktar tniġġis li qed jirriżultaw fl-effetti negattivi fuq is-saħħa

Attivitajiet b'mod partikolari fl-eqqel tal-istaġun turistiku qed jagħmlu pressjoni fuq kemm tiflaħ il-gżira (carrying capacity)

Minkejja ż-żieda fid-diversifikazzjoni tal-ekonomija fl-aħħar snin, għad hemm ir-riskju tad-dipendenza fuq it-turiżmu

Il-fossilizzazzjoni u d-distinzjoni żejda tal-karatteristiċi tal-identità Għawdxija

KAPITLU 3

# Viżjoni Komuni għal Għawdex



# Għawdex:
# Gżira ta' villaġġi

Għawdex huwa 'l-gżira ta' villaġġi' li għandha karatteristiċi distintivi. Dawn il-karatteristiċi, kemm fiżiċi kif ukoll soċjali, jiffurmaw parti mill-patrimonju t'Għawdex u l-identità tiegħu. Il-preservazzjoni, it-tisħiħ u l-promozzjoni tagħhom minħabba l-valur intrinsiku u uniku għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri huma kruċjali għall-istrateġija fit-tul.

B'hekk jeħtieġ li l-qafas strateġiku jipprovdi protezzjoni akbar lill-patrimonju Għawdxi u l-karatteristiċi distintivi tiegħu. Ifisser ukoll li l-ekonomija trid tinbidel għal waħda fejn is-suċċess jiġi determinat mhux biss fuq it-tkabbir ekonomiku, iżda wkoll fuq il-kwalità tal-ħajja tan-nies.

Il-viżjoni għal Għawdex kif ippreżentata f'dan id-dokument għandha tliet temi ewlenin, li huma:

### 1. IL-PROMOZZJONI TAL-UŻU SENSIBBLI TAL-ART U TAL-AMBJENT

Kruċjali għall-futur t'Għawdex hija l-formula li trid iżżomm bilanċ bejn l-iżvilupp territorjali bl-aħjar użu tal-art u d-dimensjoni urbana u rurali li huma marbuta mal-istil tal-Għawdxin. Il-preservazzjoni tal-patrimonju fl-irħula huwa kruċjali għal istrateġija fit-tul li twassal għat-titjib tal-kwalità tal-ambjent Għawdxi. B'hekk jeħtieġ ippjanar ħolistiku tal-ispazju li jirrikonċilja l-esiġenzi fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku mal-funzjonijiet ekoloġiċi u kulturali Għawdxin.

### 2. IL-BILANĊ BEJN IT-TKABBIR EKONOMIKU U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA

Għawdex għad għandu fejn juża l-potenzjal tiegħu f'dik li hi kwalità tal-impjiegi u l-iżvilupp fin-negozju. Hemm opportunitajiet biex jikber in-negozju u fl-istess waqt titjieb il-kwalità tal-ħajja. Il-ħolqien ta' impjiegi produttivi fil-gżira għandu jibqa' jkun il-qalba ta' din l-istrateġija, u jiżgura l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri. Dan jista' jsir billi jissaħħaħ il-kapital uman b'ħaddiema kwalifikati u b'ħiliet u billi jintlaħaq il-bilanċ bejn l-iżvilupp ekonomiku u l-użu tal-art.

Minkejja li l-attività ekonomika tiġġenera t-tkabbir ekonomiku, huwa importanti li jonqsu l-impatti negattiv fuq l-ambjent u l-istil ta' ħajja. F'ċerti każi, gżejjer bħal Għawdex jistgħu joffru kwalità ta' ħajja aħjar minħabba serħan tal-moħħ f'dik li għanda x'taqsam ma' sigurtà. Is-sigurtà tar-residenti kollha hija wkoll indikatur essenzjali għall-kwalità tal-ħajja, u dan jista' jseħħ jekk ikun kumplimentat bl-attività ekonomika sostenibbli f'Għawdex.

### 3. IT-TISĦIĦ TAL-IDENTITÀ T'GĦAWDEX

Mingħajr l-identità tiegħu Għawdex ma jeżistix. Il-preservazzjoni, it-tisħiħ u l-promozzjoni tal-identità Għawdxija jeħtieġ tkun ċentrali f'kull diskussjoni li titratta lil Għawdex. Biex tissaħħaħ l-identità tiegħu, Għawdex jeħtieġ ikollu policies li jiddistingwuh minn Malta. Għawdex irid jadotta policies speċifiċi li mhux neċessarjament ikunu eżatt bħalma qed jiġu implimentati f'Malta. Jekk ikun differenti, jiżdied il-valur t'Għawdex. Għawdex irid policies li jirriflettu fi stil ta' ħajja tajba, isir iktar attraenti bħala destinazzjoni għall-viżitaturi kif ukoll bħala post għall-investiment, l-impjiegi u l-opportunitajiet għal kulħadd.

# Il-Kisba tal-Viżjoni

Biex tinkiseb il-viżjoni, l-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex se tippreżenta tmien prijoritajiet taħt tliet temi ewlenin. Kull prijorità tespandi l-viżjoni, tippreżenta narrattiva iktar sħiħa, segwita minn għadd ta' għanijiet u miżuri strateġiċi.



KAPITLU 4

# Il-Promozzjoni tal-Użu Sensibbli tal-Art u tal-Ambjent



Għawdex għandu dimensjoni rurali iktar milli għandha Malta u dan jirrifletti fl-ibliet u l-irħula tiegħu. Dawn il-karatteristiċi urbani jinkludu arkitettura tradizzjonali b'binjiet u gallariji tipiċi. Dawn il-fatturi jikkontribwixxu bil-qawwa għall-identitià distintiva t'Għawdex.

Għawdex jista' jitqies bħala proġett pilota għad-disinn taż-żoni urbani u t-twettiq tas-soluzzjonijiet ambjentali. Is-simbjożi bejn in-natura u l-ispazju abitabbli għandu jifforma r-relazzjoni fundamentali għall-għajxien ta' kwalità f'Għawdex. Dan jista' jwassal għall-valutazzjoni mill-ġdid tal-patrimonju u l-identità fil-kunċett t'Għawdex bħala 'gżira ta' villaġġi'.

Il-pożizzjoni t'Għawdex bħala gżira distintiva minn Malta, b'mod partikolari f'termini tad-dehra tal-irħula u l-infrastruttura, toffri ċans li tattira tip t'investimenti ta' kwalità li jistħoqqlu inkoraġġiment u l-attenzjoni. Meta titfassal l-infrastruttura t'Għawdex, il-bini għandu jsir skont dawn il-fatturi u jippermettu l-iżvilupp ta' kwalità għall-komunitajiet.



# L-Ippjanar tal-Ispazju u s-Sostenibilità tal-Iżvilupp Urban

Għawdex jeħtieġ viżjoni iffukata fl-ippjanar tal-art u l-iżvilupp urban, bl-isforzi jkunu ffukati fuq sistema integrata biex l-użu tal-art u l-policies tal-ippjanar ikunu f'sinerġija mal-kuntest lokali u ekoloġiku. L-ippjanar tal-ispazju jeħtieġ imur lil hinn mill-aspett fiżiku u jikkunsidra l-oqsma ekonomiċi, soċjali, kulturali u ambjentali tal-gżira minħabba li dawn kollha huma marbutin flimkien.

Bħala 'gżira ta' villaġġi', is-simbjożi tal-art u l-ambjent hija l-pedament għat-tkabbir kollu f'Għawdex, partikularment meta jitqiesu l-limitazzjonijiet tad-daqs tiegħu. Jekk l-iżvilupp urban ma jkunux ippjanat sew f'Għawdex, hemm riskju li dan ikun qed itellef l-identità u l-fattur li jagħmel lil Għawdex distintiv minn Malta. Dan jista' jnaqqas il-kwalità tal-ħajja fuq il-gżira bil-konsegwenza li jnaffar turisti ta' kwalità, investiment ta' valur għoli, kif ukoll negozju. Strateġija sostenibbli tipprovdi opportunitajiet għall-ħarsien u t-tisħiħ fit-tul tal-karatteristiċi kulturali u naturali Għawdxin, fl-istess waqt li jżomm dawn il-prinċipji bħala l-qofol tat-tkabbir ekonomiku u soċjali tiegħu.

L-GĦANIJIET:

- Tinkiseb kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti Għawdxin u l-viżitaturi;
- Tinbena identità Għawdxija bħala 'gżira ta' villaġġi';
- Spazji miftuħa u naturali li jkunu aċċessibbli għar-residenti u l-viżitaturi kemm fl-ambjent urban u anke rurali fejn tiffjorixxi l-biodiversità;
- Opportunitajiet għal metodi innovattivi ta' bini sostenibbli;
- Użu tal-art urban li joffri interazzjoni u komunikazzjoni lill-komunitajiet Għawdxin;
- Policies tal-ippjanar għandhom jissalvagwardjaw u jibnu ambjent sostenibbli għal żmien twil.

Il-miri li jridu jinkisbu

## DISINN URBAN LI JIRRISPETTA L-KARATTRU

L-identità t'Għawdex hija aspett b'saħħtu u distintiv minn Malta u huwa sors ta' valur miżjud. Id-disinn urban u arkitettoniku għandhom parti integrali fir-rwol għall-preservazzjoni u t-tisħiħ ta' dawn il-fatturi. Il-preservazzjoni ta' dawn il-karatteristiċi mhix kumpatibbli mal-binijiet urbani u arkitettoniċi inferjuri li jħallu impatt negattiv fuq il-komunità, kemm mil-lat viżiv kif ukoll soċjali. Biex ikun żgurat li qed jitħares l-aspett distintiv urban u arkitettoniku t'Għawdex jeħtieġ jiġu adottati policies li jirriflettu iktar il-kuntest. Din il-viżjoni tinkludi, iżda mhux limitata, għall-isfond tal-bini residenzjali u kummerċjali u għandu jinkludi interventi relattivament riċenti li issa saru parti mill-patrimonju urban.

## IL-ĦTIEĠA TA' IKTAR SPAZJI ĦODOR MIFTUĦA

It-tkabbir ekonomiku u ż-żieda fil-popolazzjoni jeħtieġu interventi sabiex l-irħula isiru iktar aċċessibbli fejn individwi u familji jħossuhom siguri. Id-domanda għal spazji miftuħa għall-familji u individwi hija għolja, u bil-ħajja mgħaġġla li ngħixu, dawn l-inizjattivi jkomplu jżidu l-kwalità tal-ħajja li jgħixu n-nies. Hija meħtieġa viżjoni ċara li twassal biex ir-residenti Għawdxin ikollhom parks għall-familja fejn ikunu jistgħu jmorru. Għal dan il-għan, jista' jiġi esplorat l-użu ta' għadd ta' programmi ta' fondi tal-Unjoni Ewropea.

## TITJIB FL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART

Minħabba l-istruttura ekonomika t'Għawdex, inkluża d-dipendenza fuq it-turiżmu staġjonali, Għawdex jiffaċċja realtà differenti fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-iskart. Il-ġbir tal-iskart ukoll irid jirrifletti din ir-realtà. Qed jiżdiedu l-isforzi fost setturi ekonomiċi Għawdxin fil-qasam tal-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart iżda hemm iktar x'irid isir.

Bi pjan riċerkat għall-monitoraġġ u l-immaniġġjar tal-iskart, Għawdex jista' jimplimenta miżuri iktar strateġiċi fit-trattament tal-iskart fuq skala usa' li tgħodd għall-gżira kollha. Dan jista' jinkludi l-possibilità li jsir studju dwar il-kunċett ta' spazji taħt l-art minn fejn jinġabar l-iskart.

## IL-PROMOZZJONI TA' BINJIET AMBJENTALI

Bħala parti mit-tranżizzjoni ekoloġika t'Għawdex, jeħtieġ bidla għall-infrastruttura ambjentali li mhux biss ikollha dehra attraenti u ta' benefiċċju għas-saħħa fiżika u mentali tan-nies, iżda wkoll meħtieġa biex tegħleb l-effetti tat-tibdil fil-klima.

Importanti li jiġu esplorati inċentivi li jinkoraġġixxu individwi biex jinvestu fi prattiċi sostenibbli, fl-istess waqt li jitqiesu r-realtajiet tal-binjiet f'Għawdex. Dawn għandhom isiru fl-istess żmien li ssir kampanja edukattiva li tgħin lill-komunità tifhem il-benefiċċji ta' bini li jirrispetta l-ambjent, kif ukoll żieda fl-inċentivi għas-sidien tad-djar u n-negozji.

## BIDLA FIL-MOBILITÀ

Matul l-aħħar 20 sena, irdoppja n-numru ta' vetturi reġistrati f'Għawdex. L-użu esaġerat tal-vetturi qed joħloq diversi sfidi lill-infrastruttura tal-gżira u din il-problema jeħtieġ tiġi indirizzata b'għadd ta' inizjattivi, fost l-oħrajn bil-qalba għall-vetturi elettriċi fit-trasport pubbliku, b'konformità mal-liġi Ewropea 'Fit for 55 Legislation'. Miżuri oħrajn jinkludu l-ivvjaġġar minn post għal ieħor b'mezzi differenti ta' trasport. Dan itejjeb l-aċċessibilità biex it-toroq jitgawdew aktar min-nies.

## TOROQ GĦALL-ĦTIĠIJIET TAN-NIES

L-ibliet u l-irħula t'Għawdex għandhom jimmiraw li jippermettu lin-nies imorru minn post għal ieħor bla xkiel u jużaw l-ispazji pubbliċi mingħajr il-ħtieġa li jużaw il-karozza. It-toroq għandhom jintużaw kemm min-nies bil-mixi kif ukoll mix-xufiera u għandu jingħata prijorità għal żoni pedonali fejn possibbli. Jeħtieġ isiru proġetti biex l-ispazji pubbliċi f'Għawdex jinbidlu biex jagħtu iktar lok għall-attivitajiet varji inkluż spazju għat-tfal fejn ikunu jistgħu jilagħbu.

## IR-RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZEZ GĦAWDXIN

L-irħula Għawdxin huma kkaratterizzati mill-pjazza li ġeneralment tkun fiċ-ċentru tal-ħajja komunitarja tar-raħal. Il-preservazzjoni u r-riġenerazzjoni tagħhom għandhom ikunu prijorità u l-fondi tal-Unjoni Ewropea jistgħu jintużaw f'dan ir-rigward. Miżuri għal dan il-għan jistgħu jinkludu parkeġġ ristrett u immaniġġjar tat-traffiku aħjar. Inizjattivi ta' din ix-xorta jkunu jistgħu jipprovdu lir-residenti u lill-viżitaturi ċans li jgawdu iktar iċ-ċentru ta' dawn l-irħula b'mod iktar sigur, b'inqas tniġġis, u fl-istess waqt jagħti lok għal iktar attività kummerċjali fil-lokalitajiet. Ir-riġenerazzjoni tal-pjazez tista' ukoll toħloq spazju kulturali għall-artisti biex ikunu jistgħu jesponu t-talent tagħhom.

## IR-RIJABILITAZZJONI TAL-BINJIET VOJTA

Minkejja ż-żieda fid-domanda għall-propjetà matul l-aħħar snin, għad hemm numru konsiderevoli ta' binjiet vojta u mhux użati. Bosta miżuri diġà daħlu fis-seħħ biex jinkoraġġixxu r-rijabilitazzjoni u r-restawr tal-bini f'żoni ta' konservazzjoni urbana. Huwa essenzjali li kull tip t'intervent f'dan ir-rigward isir b'mod u manjiera li jikkumplimenta l-forma, l-iskala, id-dehra u l-karattru taż-żoni urbani fil-qalba tal-irħula.





# L-Infrastruttura u l-Aċċessibilità

L-insularità doppja t'Għawdex tħalli impatt fuq il-moviment tan-nies u tal-oġġetti, kif ukoll is-servizzi. L-andament ekonomiku t'Għawdex huwa kkaratterizzat minn restrizzjonijiet fil-produzzjoni minħabba spejjeż ogħla u n-nuqqas ta' diversifikazzjoni li riżultat t'hekk iwasslu biex it-tisħiħ tal-konnettività, kemm fiżika u diġitali (infrastrutturali) kif ukoll soċjali (ekonomika, kulturali) għandha tkun kunsiderazzjoni ewlenija fid-deċiżjonijiet li jittieħdu. Titjib fil-konnettività huwa kruċjali fl-isforz biex tkompli titjieb il-produttività t'Għawdex u biex tnaqqas id-differenzi fil-livell ta' għajxien. Dan jirrikjedi sforz ibbażat fuq infrastruttura reżiljenti u sostenibbli li ssaħħaħ il-konnettività b'manjiera sigura u dejjiema, filwaqt li tagħti lok għat-titjib fil-kompetittività. Madanakollu, wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li ż-żieda fil-konnettività ġġib magħha kemm prosperità kif wkoll riskji, partikularment fir-rigward tal-aspett distintiv t'Għawdex. Għaldaqstant jeħtieġ li dawn r-riskji jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jkunu qed jitfasslu proġetti f'dan ir-rigward.

L-GĦANIJIET:

- Il-ħolqien ta' infrastruttura sigura u reżiljenti li hija wkoll effiċjenti għal Għawdex tal-lum u li taħseb ukoll għall-ħtiġijiet futuri tal-gżira;
- Titjib fl-aċċessibilità u l-konnettività biex jillimitaw l-insularità u tiżdied il-produzzjoni ekonomika;
- Bini ta' infrastruttura sigura li sservi fit-tul biex Għawdex jagħti spinta lill-kompetittività, inkluż biex jattira investiment ibbażat fuq ħiliet ġodda;
- Ħidma mill-qrib mal-ministeri ewlenin responsabbli mit-twettiq tal-infrastruttura meħtieġa;
- Il-preservazzjoni tal-karatteristiċi uniċi Għawdxin u l-użu ta' dan l-aspett bħala motiv ewlieni li jiġġenera iktar progress ekonomiku sostenibbli.

## TISĦIĦ FIS-SERVIZZ TAL-KONNETTIVITÀ BEJN MALTA U GĦAWDEX

Il-konnettività ma' Malta hija kritika għall-iżvilupp t'Għawdex. Dan huwa servizz li jrid ikun konsistenti u disponibbli l-ħin kollu. Għal dan il-għan, is-servizz tal-vapur jeħtieġ jirrifletti r-realtajiet ġodda u jkompli jiżgura li jiflaħ jakkomoda d-domanda.

L-introduzzjoni tas-servizzi tal-Fast Ferry bejn il-gżejjer timmarka kisba importanti. Servizz li jiffaċilita l-vjaġġar tal-passiġġieri bejn l-Imġarr u l-Belt. Dan is-servizz jeħtieġ jitħares u fejn possibbli msaħħaħ iktar fil-futur.

## IMMODERNIZZAR TAL-GOZO RURAL AIRFIELD

Bħalissa, l-unika konnessjoni li għandu Għawdex ma' Malta hija bit-trasport tal-baħar. Dan jista' jinbidel fis-snin li ġejjin minħabba li ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar biex tissaħħaħ il-faċilità preżenti tal-ħeliport. Jekk isir it-titjib f'din il-faċilità, fost l-oħrajn dan il-proġett se jippermetti l-introduzzjoni tas-servizz tal-ajru b'ajruplani żgħar (fixed wing) bejn Għawdex u Malta filwaqt li ma ttieħed l-ebda art agrikola barra mill-konfini preżenti.

Dan it-tisħiħ se joffri l-possibilita' li jsiru attivitajiet oħrajn f'Għawdex fosthom għall-iskejjel tal-avjazzjoni u r-riċerka bid-drones, fost affarijiet oħra. Dan se jgħin fid-diversifikazzjoni tal-ekonomija Għawdxija u se jagħmilha iktar reżiljenti u effettiva fil-futur.

## TITJIB U L-BINI MILL-ĠDID TAT-TOROQ ARTERJALI, SEKONDARJI U RESIDENZJALI

Parti mill-infrastruttura tat-toroq f'Għawdex tinsab taħt pressjoni minħabba n-numru ta' vetturi, speċjalment fl-eqqel tal-istaġun turistiku. Xi drabi, dan iwassal għall-konġestjoni tat-traffiku, partikularment fl-inħawi tal-Port tal-Imġarr u l-belt Victoria (ir-Rabat), kif ukoll f'postijiet oħra. Il-fondi tal-Budget qed ikunu allokati kull sena għat-tisħiħ u l-bini mill-ġdid tat-toroq. Il-postijiet fejn qed jinġema' t-traffiku jeħtieġu jkomplu jiġu ndirizzati biex tittaffa din il-problema.

Jeħtieġ li t-toroq jingħataw prijorità minħabba l-kwalità tal-ħajja, is-sigurtà tar-residenti u fl-istess waqt ir-rispett lejn l-ambjent naturali u urban. Fejn hu possibbli, l-użu iktar sostenibbli ta' materjal ta' kostruzzjoni li wkoll ma jagħmilx dannu ambjentali għandu jibda jintuża f'dawn il-proġetti. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll sistemi aħjar u iktar adegwati biex jonqos it-tniġġis li jirriżulta mid-dawl filwaqt li jinbnew b'mod adekwat biex jiġbru l-ilma tax-xita.



## UŻU AĦJAR TAL-ILMA

L-immaniġġjar tal-ilma hija kwistjoni ewlenija fil-gżejjer Maltin. Il-prattiċi fl-immaniġġjar tal-ilma qed jiġu mwettqa diġà f'ċerti lokalitajiet, iżda jeħtieġ isiru iktar sforzi biex jintużaw prattiċi iktar sostenibbli f'binjiet biex jinħażen l-ilma tax-xita.

Il-prattiċi fl-immanġġjar tal-ilma jeħtieġ jiġu estiżi wkoll għall-ambjent naturali. F'Għawdex jinħass il-bżonn li jkomplu jissaħħu l-miżuri biex ikunu protetti mogħdijiet tal-ilma li jillimitaw l-għargħar u jħallu l-ilma jgħaddi mill-perkors naturali tiegħu.

## TITJIB FIL-PORT TAL-IMĠARR

Il-Port tal-Imġarr għandu rwol ewlieni kemm għall-konnettività bejn il-gżejjer kif ukoll bħala ċentru loġistiku għall-gżira kollha. Għaldaqstant, għandha tiġi studjata l-possibilità li jkun estiż il-port. Tali studju għandu jinkludi wkoll perspettiva soċjo-ekonomika u fuq kollox, b'rispett sħiħ lejn l-ambjent.

## REVIŻJONI TAL-CARRYING CAPACITY T'GĦAWDEX

Fl-aħħar diċenji, Għawdex ra żieda konsiderevoli ta' attività ekonomika, li rriżultat fi tkabbir fil-popolazzjoni u ż-żieda fl-urbanizzazzjoni. Dawn ħallew implikazzjonijiet fuq l-identità, il-kwalità u l-istil tal-ħajja. Jeħtieġ isiru sforzi biex isir assessjar tas-sostenibilità tal-mudell ekonomiku u jiġu identifikati l-isfidi, kemm tal-infrastruttura fiżika tal-gżira kif ukoll tal-ambjent naturali u r-riżorsi. Dan għandu wkoll jieħu kunsiderazzjoni tal-isforzi għad-diversifikazzjoni tal-użu tal-enerġija.

## ANALIŻI MILL-ĠDID TAL-ĦTIEĠA TAL-MINA T'GĦAWDEX

Il-konnettività ma' Malta dejjem kienet fattur determinanti għall-iżvilupp t'Għawdex, kemm ekonomikament u anke soċjalment. Matul is-snin sar investiment konsiderevoli biex titjieb il-konnettività, bil-kumpanija Gozo Channel iżżid il-frekwenza tas-servizz u bl-introduzzjoni tas-servizz tal-Fast Ferry. Iktar minn hekk, il-proposta tal-Gozo Rural Airfield bħalissa tinsab għall-kunsiderazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tista' twitti t-triq għal servizz ta' trasport bl-ajru. Fid-dawl ta' dan, il-proġett li jgħaqqad lil Għawdex u Malta b'mina taħt il-baħar jeħtieġ jiġi rivedut u għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid il-benefiċċji u l-vijabilità ta' proġett ta' din ix-xorta.



# L-Iżvilupp Rurali

It-topografija u l-karatteristiċi rurali t'Għawdex huma fatturi ewlenin fl-identità Għawdxija. Il-gżira għandha l-għeruq tagħha fil-karattru rurali u l-preservazzjoni tal-kultura u t-tradizzjoni li jagħmlu lil Għawdex iktar pjaċevoli għall-komunità u l-viżitaturi. L-użu maħsub taż-żoni rurali għandu rwol importanti fit-titjib tal-kwalità u l-istil tal-ħajja t'Għawdex, kif ukoll fit-tisħiħ tal-karattru distintiv tal-gżira.

L-GĦANIJIET:

- Għawdex huwa gżira rurali u dan l-ambjent għandu jitjieb għal min irid jgħix u jaħdem f'din il-gżira;
- Jiġi apprezzat iktar l-ikel u l-prodott Għawdxi bħala marka (quality mark) u jissaħħaħ il-valur tagħha bħala parti mill-Qafas Ewropew tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (GIs) u l-Garanzija għall-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali (TSG);
- Għajnuna lill-bdiewa fil-bini ta' intrapriżi sostenibbli u b'hekk jiżdiedu l-impjiegi fis-settur rurali, partikularment fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa;
- Jiġu nkoraġġiti prattiċi li jifilħu għall-impatt tal-bidla fil-klima;
- Ikunu protetti u msaħħa l-biodiversità, in-natura, it-tradizzjoni u l-patrimonju storiku t'Għawdex;
- Titqajjem iktar kuxjenza dwar il-komunitajiet Għawdxin u jiġi apprezzat iktar il-patrimonju naturali, tradizzjonali u storiku tagħhom;
- Jitħalla ambjent sostenibbli lill-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-miri li jridu jinkisbu

### L-INKORAĠĠIMENT GĦAT-TKABBIR TAL-IKEL U L-ISPEĊI GĦAWDXIN

Il-branding reġjonali tal-ikel u l-prodotti, kif ukoll il-marketing t'Għawdex bħala ċentru ta' gastronomija jirriżulta f'valur ogħla għall-gżira. Għaldaqstant, bħala parti mill-proċess, jeħtieġ jinħolqu inċentivi adattati għall-bdiewa biex jibdew ikabbru mill-ġdid ħxejjex u frott u jrabbu annimali indiġeni. Kollaborazzjoni bejn ir-Razzett Sperimentali tal-Gvern t'Għawdex fix-Xewkija u l-bdiewa għandha tibqa' għaddejja, biex jiġu identifikati varjetajiet differenti li jitkabbru f'Għawdex u jinstabu metodi ta' kultivazzjoni biex jiżguraw il-produzzjoni tagħhom għal għanijiet kummerċjali.

### ŻIEDA FL-GĦARFIEN DWAR L-IKEL U PRODOTTI GĦAWDXIN

Biex Għawdex jingħata promozzjoni bħala reġjun gastronomiku distint, teħtieġ bidla kif ir-residenti u l-viżitaturi jħarsu lejn il-prodott lokali. Għaldaqstant, għandha ssir kampanja fit-tul ta' informazzjoni mill-partijiet konċernati. Din il-kampanja għandha teduka u żżid l-għarfien dwar il-benefiċċji diretti u indiretti tal-ikel u l-prodotti lokali.

### ID-DISTRIBUZZJONI TAN-NEW WATER GĦALL-BDIEWA GĦAWDXIN

L-ilma dejjem kien wġieħ ta' ras għall-agrikoltura. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) investiet sew f'dak li jissejjaħ New Water f'Għawdex biex ikun jista' jasal għand il-bdiewa. In-New Water huwa ilma użat li jiġi trattat u ffiltrat. Ladarba jissaffa dan l-ilma ikun jista' jintuża b'mod sigur għall-agrikoltura, it-tisqija u għal użu industrijali ieħor, filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxi biex ma jkunx hemm impatt fuq iċ-ċiklu naturali tal-ilma. Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tan-New Water huwa inkoraġġit sabiex ikompli jissaħħaħ f'Għawdex.

### NIFS MILL-ĠDID LILL-KOMUNITÀ RURALI GĦAWDXIJA

Jekk ma jibqgħux jiġu attirati żgħażagħ fl-ekonomija rurali Għawdxija jista' jirriżulta li din l-industrija tmut u potenzjalment jinqered magħha l-ambjent rurali. Malajr kemm jista' jkun jeħtieġ jiġu analizzati l-isfidi tal-bdiewa u jingħataw l-appoġġ fejn huwa possibbli. Miżuri li jistgħu jitqiesu għal dan is-settur jinkludu fondi mill-programm LEADER.

### POSSIBILITÀ TA' SERVIZZ TA' PARIRI GĦALL-BDIEWA

Strutturi li jagħtu pariri lill-bdiewa f'Għawdex għandhom jerġgħu jingħataw il-ħajja jew fejn ma kinux jeżistu, jitwaqqfu. Dan jinkludi programm ta' konsulenza għall-bdiewa li jagħti pariri tekniċi, xjentifiċi u imprenditorjali.

### IR-RIJABILITAZZJONI TAL-WIDIEN U R-RESTAWR TAL-BJAR

Il-widien huma parti importanti tal-ekosistema rurali. Bħalhom huma ta' importanza wkoll il-bjar agrikoli li permezz tagħhom il-bdiewa jkunu jistgħu jużaw l-ilma għat-tisqija. Ir-rijabilitazzjoni kontinwa tal-widien u r-restawr tal-bjar għandu jibqa' jsir f'Għawdex. Il-ħolqien ta' digi ġodda fil-widien u r-restawr ta' dawk eżistenti għandu wkoll jiġi mistħarreġ.

### IL-ĦARSIEN TAS-SITI NATURA 2000

Jeħtieġ jitħarsu s-siti Natura 2000. Titjib fl-istatus ta' konservazzjoni jista' jinkludi l-preservazzjoni tal-abitat naturali u l-ispeċi ta' flora selvaġġa u t-tneħħija ta' speċi aljeni invażivi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-gżira ta' Kemmuna, li hija protetta bħala sit ta' Natura 2000.

### L-ESTENSJONI TAL-PROGRAMM TA' AFFORESTAZZJONI

Il-programmi ta' afforestazzjoni, f'konformità mar-Regolamenti tal-Protezzjoni tas-Siġar u l-Imsaġar għandhom jiġu nkoraġġiti. Is-siġar jgħinu fil-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni u l-erożjoni mir-riħ u mix-xita u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-ħruġ tal-gassijiet tal-karbonju fl-arja. Miżuri biex jikkontrollaw l-importazzjoni tal-ispeċi aljeni invażiva huma importanti.

KAPITLU 5

# Il-Bilanċ bejn it-Tkabbir Ekonomiku u l-Kwalità tal-Ħajja



Is-soċjetà Għawdxija hija riflessjoni tal-istorja. Fl-aħħar 100 sena ta' storja, il-gżira nbidlet minn komunità rurali li kienet kwieta u konservattiva, li f'xi żmien kienet f'xifer il-faqar, għal waħda li saret iktar miftuħa u affluenti.

Ċifri uffiċjali juru li d-dħul għall-Għawdxin ras għal ras kien u għadu inqas minn dak tal-Maltin. Dan jista' jkun attribwit għal diversi fatturi, fosthom l-istruttura ekonomika, l-età tal-ħaddiema, u l-ispejjeż li jkellhom l-intrapriżi. Madanakollu, kultant jinħass ċertu xettiċiżmu dwar id-dħul baxx ras għal ras minħabba n-nuqqas ta' għarfien fuq ir-rabta bejn id-dħul iġġenerat, it-tfaddil u l-akkumulazzjoni tal-ġid.

Huwa fatt magħruf li fattur rikurrenti f'Għawdex għal perjodu twil kien in-nuqqas ta' xogħol fis u kawża t'hekk id-dħul tal-Għawdxin kien dejjem marbut ma' ċertu inċertezza. Riżultat ta' dan, kien hemm rata għolja ta' emigrazzjoni fost l-Għawdxin li fittxew opportunitajiet aħjar barra minn pajjiżna. Madwar 14,000 emigraw bejn il-ħamsinijiet u t-tmeninijiet, rata li qabżet l-ammont ta' trabi li twieldu f'dak il-perjodu. Dan irriżulta fi żbilanċ fil-popolazzjoni Għawdxija, b'inqas nies tal-età li fiha setgħu jaħdmu u b'hekk ma setgħux isostnu l-ekonomija lokali. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi u d-demografija tal-gżira kellhom impatt fuq is-suq tax-xogħol. Fil-fatt is-suq tax-xogħol f'Għawdex kien tradizzjonalment ikkaratterizzat minn inċidenza għolja ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom fis-setturi tal-agrikoltura, is-sajd u l-industriji żgħar. Il-preżenza ta' settur industrijali żgħir li nibet fis-Sittinijiet ta spinta lir-rata tal-impjiegi. Madanakollu, il-kontribut ta' dan is-settur bdiet nieżla sa mill-bidu tad-Disgħinijiet u flok żviluppa fis-settur tas-servizzi, inkluż it-turiżmu, li ħa post l-industrija tal-manifattura matul is-snin.

Din l-inċertezza fis-suq tax-xogħol ħalliet impatt kbir fuq l-Għawdxin. Fuq naħa dan għen sabiex l-Għawdxin ifendu iżjed għal rashom u jieħdu ħsieb li jfaddlu għal meta jiġu bżonn. Mill-banda l-oħra, in-nuqqas ta' xogħol ta' valur, li jkun stabbli u sigur, waslet għal numru ogħla ta' Għawdxin li jaħdmu mas-settur pubbliku.

Fattur ieħor importanti f'Għawdex huwa s-sehem ta' dawk li mhumiex Għawdxin li ddeċidew li jiġu joqogħdu f'Għawdex. Bosta għażlu li jagħmlu dan għax kienu miġbuda mill-ħajja trankwilla t'Għawdex. Dawn ikkontribwew fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-gżira. Fenomenu riċenti li seħħ fl-aħħar għaxar snin huwa ż-żieda tal-barranin li ġew ifittxu opportunitajiet ta' xogħol f'Għawdex. Fil-fatt in-numru ta' ħaddiema barranin fl-2020 kienu jammontaw għal wieħed minn kull ħamsa tal-ħaddiema lokali, u jekk wieħed kellu jeskludi s-settur pubbliku, l-ammont kien ikun qrib in-nofs tal-ħaddiema fis-settur privat.



# L-Iżvilupp Ekonomiku u l-Ħiliet tan-Nies

L-ekonomija Għawdxija hija inqas żviluppata minn dik Maltija u għandha t-tendenza li tibbaża fuq setturi ta' produttività relattivament iżjed baxxi. Fl-aħħar diċenji, xaqilbet lejn is-settur tas-servizzi għalkemm il-bażi tal-manifattura, minkejja li żgħira, għadha hemm. Kien hemm ukoll żieda fid-diversifikazzjoni tas-servizzi, b'xi setturi ġodda jibdew isibu posthom f'Għawdex. Irrispettivament minn kull tip t'attività, it-talent uman huwa ċentrali fl-iżvilupp ekonomiku. Għawdex jipprovdi opportunità eċċellenti f'dan ir-rigward speċjalment għall-fatt li hemm t-tendenza li jkollu ħiliet edukattivi iktar mill-kumplament tal-pajjiż. Għawdex għandu x'jiggwadanja minn valur iktar fl-edukazzjoni u b'ħiliet li jirriflettu aħjar ż-żminijiet u l-bżonnijiet ta' illum.

L-GĦANIJIET:

- Tkompli d-diversifikazzjoni tal-ekonomija Għawdxija;
- Jiġi attirat talent minn barra l-gżira billi toffri pjattaforma għan-negozju u l-istil tal-ħajja;
- Jonqos id-distakk bejn Malta u Għawdex bil-ħolqien ta' iktar impjiegi ta' kwalità;
- Jipprovdi opportunitajiet għal start-ups u negozji żgħar li huma iktar adattati għall-iżvilupp ekonomiku Għawdxi;
- Titjib fl-eċċellenza tas-suq tax-xogħol Għawdxi b'iktar investiment fl-edukazzjoni u l-iżvilupp kontinwu professjonali.

Il-miri li jridu jinkisbu

### IKTAR XOGĦOL AMMINISTRATTIV F'GĦAWDEX

Storikament, l-opportunitajiet ta' impjieg f'Għawdex kienu dejjem limitati. Ix-xogħol fl-uffiċini, kemm fis-settur pubbliku u anke privat, qed iżid fid-domanda għall-ħaddiema f'Għawdex. Jeżistu skemi u inċentivi biex xogħol klerikali fis-settur pubbliku u s-settur privat ma jibqax isir Malta u jiġi trasferit għal Għawdex. Meħtieġa iktar sforzi biex setturi varji jżidu x-xogħol ta' kwalità għall-Għawdxin.

### ANALIŻI TAL-PROFIL TAL-ĦILIET

Kien osservat li iktar ma żdiedet l-attività ekonomika f'Għawdex fl-aħħar diċenju iktar żdiedet id-domanda għax-xogħol. Din iż-żieda fid-domanda kienet parzjalment indirizzata bl-influss ta' ħaddiema barranin. Jenħtieġu iktar sforzi biex tkun assessjata d-domanda għax-xogħol fiż-żmien li ġej u l-livelli meħtieġa tal-ħiliet tal-ħaddiema. Dan l-eżerċizzju jista' jqarreb l-edukazzjoni u l-għalliema biex jiġu ndirizzati l-ħiliet li se jkunu meħtieġa fis-snin li ġejjin mis-suq tax-xogħol.

### GĦAJNUNA EDUKATTIVA U L-OPPORTUNITAJIET TA' TAĦRIĠ F'GĦAWDEX

L-edukazzjoni għall-adulti hija fundamentali fit-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp soċjali u personali. Huwa l-mekkaniżmu ewlieni għat-tisħiħ tal-ħiliet tal-adulti, biex jingħataw appoġġ fix-xogħol tagħhom jew biex ikomplu javvanzaw fil-karriera tagħhom. Jenħtieġu iktar sforzi b'mod konsistenti biex jissaħħu iktar l-opportunitajiet edukattivi f'Għawdex b'mod partikolari f'setturi li jinkwadraw f'din l-istrateġija. Iktar minn hekk, l-opportunitajiet ta' taħriġ għandhom jingħataw prijorità għall-iżvilupp ta' ħiliet għall-immodernizzar tan-negozji.

### GĦAJNUNA GĦAL ATTIVITAJIET TA' IMPJIEGI TA' KWALITÀ

It-tkabbir ekonomiku għandu mhux biss jissarraf f'impjiegi iżda f'opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità. L-ambizzjoni hija li jiġu esplorati modi kif min iħaddem jibdel in-negozju tiegħu biex jilħaq id-domanda ġdida u jopera b'ħaddiema lokali u jħallsuhom pagi aħjar.

### SOSTENN LIN-NEGOZJI ŻGĦAR U MEDJI GĦAWDXIN

F'Għawdex in-negozju huwa magħmul minn intrapriżi żgħar u medji (SMEs). Jeħtieġ tisħiħ fl-għajnuna li tingħata lill-intrapriżi Għawdxin biex isiru iktar kompetittivi fil-proċessi u l-produzzjoni tagħhom. Din l-għajnuna tista' tikkonsisti f'tagħrif dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' għażliet varji li hawn biex joperaw b'sistemi kummerċjali, jinvestu f'teknoloġija innovattiva u jgħinu lin-negozji jaċċessaw il-fondi biex jinvestu fil-proċess ta' diġitalizzazzjoni.

### IL-ĦOLQIEN TA' SPIRTU IMPRENDITORJALI FOST IŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN

Fl-imgħoddi, is-suq tax-xogħol Għawdxi kien tradizzjonalment ikkaratterizzat minn dipendenza għolja ta' nies li jaħdmu għal rashom, li jirrifletti n-nuqqas ta' opportunitajiet għal xogħol bi ħlas fil-gżira. Madanakollu, fl-aħħar diċenji, kien hemm bidla lejn xogħol bil-paga speċjalment fis-settur pubbliku. L-imprenditorija għandha terġa' tibda tiġi imħeġġa fost l-Għawdxin għax huwa vitali għall-iżvilupp ta' ideat ġodda u innovattivi fin-negozju. Iridu jsiru sforzi biex tingħata għajnuna għal min għandu ambizzjoni jidħol fin-negozju.

### L-INTEGRAZZJONI TAD-DIMENSJONI GĦAWDXIJA

Is-servizzi pubbliċi jridu jkunu effiċjenti u effettivi għall-ġid tas-soċjetà. Dan għandu jingħata iktar importanza f'soċjetà li tgħix fi gżira żgħira bħal Għawdex fejn l-inċidenza li jfalli s-suq hija ogħla u b'hekk ikun meħtieġ l-intervent mis-settur pubbliku. Huwa kruċjali li l-policies u istrateġiji nazzjonali jirriflettu d-dimensjoni Għawdxija. Għaldaqstant, l-isforzi li jridu jsiru għandhom jiżguraw li l-entitajiet nazzjonali regolatorji jqisu l-element Għawdxi fl-istrateġiji u l-policies, kif ukoll joffru s-servizzi f'Għawdex kemm fiżikament kif ukoll virtwalment.




# Ekonomija Ġdida

Biex l-ekonomija Għawdxija tagħmel progress, trid ekosistema diġitali u innovattiva iktar adegwata. Għawdex għandu potenzjal li jattira industriji ġodda li jagħtu spinta lill-produttività u t-tkabbir ekonomiku. It-titjib teknoloġiku mhux biss se jkun ta' benefiċċju għal setturi ġodda iżda wkoll għandu potenzjal biex setturi tradizzjonali jerġgħu jingħataw il-ħajja. Ekonomija għandha tkun ibbażata fuq kunċetti ġodda u metodi li jilħqu l-għanijiet ambjentali u soċjali, speċjalment biex jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni fl-ekonomija Maltija.

L-GĦANIJIET:

- Jiġu adottati teknoloġiji ġodda u jsir aktar użu ta' diġitilizzazzjoni fl-industriji tradizzjonali;
- Jiġu żviluppati ekosistemi fis-settur diġitali Għawdxi;
- Jiġu attirati negozji li jużaw teknoloġiji li tirrispetta l-ambjent;
- Jinħolqu ekosistemi għan-negozji biex ikunu ċentrali fl-isforzi għad-dekarbonizzazzjoni;
- Tiżdied il-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija Għawdxija.

Il-miri li jridu jinkisbu

## GĦAJNUNA LILL-ISTRUTTURI EKONOMIĊI F'SETTURI ĠODDA

Ekonomija msejsa fuq proċessi u teknoloġiji ġodda teħtieġ ekosistema li twieżen dan kollu. Bħalissa, il-Malta Enterprise għandha għadd ta' skemi ta' għajnuna għal investimenti ġodda. Jeħtieġ isiru sforzi biex jiġu stabbiliti u jikbru negozji f'setturi ekonomiċi ġodda f'Għawdex, b'infrastruttura li tinkludi riżorsi u servizzi għan-negozji.

## SOSTENN LILL-ATTIVITÀ GĦAR-RIĊERKA

Id-daqs żgħir t'Għawdex u n-natura tan-negozji jirriżultaw fi sfidi għar-riċerka u l-innovazzjoni. Madanakollu, iridu jsiru sforzi biex titjieb il-kwalità tal-proċessi, fosthom il-promozzjoni għall-investiment fin-negozju, u l-iżvilupp ta' sinerġiji bejn l-intrapriżi u l-involviment ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla.

## ATTRAZZJONI GĦAD-*DIGITAL WORKING NOMADS*

B'kollaborazzjoni ma' diversi partijiet konċernati, Għawdex għandu jingħata promozzjoni bħala destinazzjoni għad-digital nomads fejn ħaddiema magħrufin bħala digital nomads ikunu jistgħu jaħdmu fil-kwiet u fil-paċi b'konnettività diġitali robusta u akkomodazzjoni tajba.

## GĦAWDEX BĦALA ĊENTRU T'EĊĊELLENZA FL-INDUSTRIJA TAL-AGRITECH

Il-kunċett ta' ekonomija ġdida mhux limitat biss għall-attivitajiet diġitali u finanzjarji. Jikkonsisti wkoll fl-applikazzjoni ta' proċessi ġodda u teknoloġiji f'setturi tradizzjonali. L-agritech huwa eżempju tajjeb ta' din ix-xorta. Għawdex, bl-isfont rurali tiegħu, joffri opportunitajiet f'dan ir-rigward.

Bħala parti mill-isforzi, jeħtieġ tkun esplorata l-idea li jitwaqqaf Ċentru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Agrikoltura fi ħdan ir-Razzett Sperimentali tal-Gvern fix-Xewkija. Dan iċ-ċentru jista' jservi bħala post għat-testijiet fejn isir l-iskambju tal-għerf u l-prattiċi teknoloġiċi innovattivi fis-settur tal-biedja.

## GĦAJNUNA GĦAL IKTAR INNOVAZZJONI U TEKNOLOĠIJA FIS-SETTUR MEDIKU

Għawdex joffri diversi vantaġġi fit-turiżmu mediku, speċjalment fil-qasam tar-rijabilitazzjoni. B'kollaborazzjoni mal-partijiet konċernati fosthom Queen Mary University of London – Gozo Campus, għandhom isiru sforzi biex jiġu ntrodotti inizjattivi ġodda fis-settur mediku f'Għawdex. Dan għandu jkompli jibni fuq l-infrastruttura għall-għoti tal-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni li kienu u għadhom jiġu żviluppati f'Għawdex.

## SOSTENN LILL-ISFORZI GĦAD-DEKARBONIZZAZZJONI

Bħala parti mill-inizjattiva '100 Climate-Neutral and Smart Cities Mission' li tifforma parti mill-programm Horizon tal-Unjoni Ewropea, Għawdex qed jimmira li jaħdem lejn il-kisba tal-miri għan-newtralità tal-karbonju. Minbarra l-isforzi fuq livell nazzjonali, qed isiru sforzi biex fuq livell reġjonali tintlaħaq din il-mira bis-saħħa ta' tnaqqis fl-użu tar-riżorsi tradizzjonali tal-enerġija u iktar użu ta' enerġija alternattiva. Dan se jgħin lil Għawdex biex isir iktar attraenti għal forom ġodda ta' attivitajiet ekonomiċi.



# Turiżmu Sostenibbli

Attivitajiet marbuta mat-turiżmu jiġġeneraw impjiegi u dħul konsiderevoli fl-ekonomija t'Għawdex. Fl-istess ħin, żieda fl-attività tpoġġi pressjoni fuq l-infrastruttura u l-ambjent. Għaldaqstant, huwa essenzjali li ssir emfasi fuq il-kwalità iktar milli l-kwantità. Jeħtieġ li jiġi inċentivat tip ta' turiżmu speċifiku u fl-istess waqt isir monitoraġġ kontinwu biex jonqsu konsegwenzi mhux mixtieqa.

L-GĦANIJIET:

- In-numru ta' viżitaturi għandu jkun mifrux iktar biex matul is-sena tonqos il-pressjoni fuq l-infrastruttura u l-ambjent naturali;
- Is-settur privat ikun inkoraġġut ikollu rwol fit-titjib tal-marka u l-prodott Għawdxi;
- Tiżdied il-lealtà lejn Għawdex bħala destinazzjoni turistika billi iktar turisti jirritornaw biex jżuru lil Għawdex;
- Bidla minn turiżmu tal-massa għal turiżmu ta' kwalità;
- Jinħolqu attrazzjonijiet ġodda u jissaħħu dawk eżistenti.

Il-miri li jridu jinkisbu

## TITJIB FIL-KAPAĊITÀ TAL-OPERATURI TURISTIĊI

Kien hemm tibdil konsiderevoli fl-aħħar snin kif it-turisti jippjanaw il-btala tagħhom kif wkoll fl-aspettattivi tagħhom. Dan qed jiġi rifless fit-tibdil f'użu ta' teknoloġija, fin-nefqa, u fil-konnettività. L-industrija turistika teħtieġ taġġorna u ttejjeb l-mod kif topera fosthom bi promozzjoni diġitali. Diġà qed jingħata appoġġ bi skemi separati lill-operaturi turistiċi Għawdxin bil-għan li jkunu jistgħu jippromwovu l-attivitajiet tagħhom. Din l-għajnuna trid tkun sostnuta u mfassala skont il-ħtiġijiet tal-industrija f'Għawdex u skont it-tip ta' turist li jżurna.

## TISĦIĦ FIL-KWALITÀ TAL-IMPJEGATI FL-INDUSTRIJA TAL-OSPITALITÀ

It-turiżmu huwa esperjenza li tiddependi ħafna fuq kif in-nies joffru s-servizz lit-turisti. Biex Għawdex jattira iktar turisti ta' kwalità, irid jgħolli l-kwalità tas-servizz. Dan japplika partikularment għall-impjegati li jkollhom kuntatt mal-klijenti. Titjib fil-kwalità tas-servizz fis-settur turistiku Għawdxi jista' jikkonsisti fost affarijiet oħra f'titjib fl-għarfien dwar il-folklor, it-tradizzjonijiet gastronomiċi, rurali u naturali Għawdxin. Dawn l-elementi kollha jikkontribwixxu fil-karattru lokali t'Għawdex. Programmi ta' għajnuna fl-industrija għandhom iwasslu sabiex l-impjegati jtejbu l-ħiliet tagħhom.

## L-IŻVILUPP TA' NIĊEĊ TURISTIĊI

Turisti ta' kwalità jonfqu iktar. Niċeċ turistiċi jissarfu f'riżultati aħjar. Attivitajiet turistiċi b'temi ambjentali huwa ġeneru minn ħafna oħrajn. L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' dawn l-attivitajiet jgħinu biex id-domanda ma tibqax biss fl-eqqel tal-istaġun turistiku u tgħin biex jiġi ndirizzat l-impatt tat-turiżmu fuq l-ambjent. Jeżistu diġà skemi f'dan il-qasam, dawn għandhom jissaħħu u estiżi għal turiżmu kulturali, sportiv, u reliġjuż.

## PROMOZZJONI TAL-KARATTRU U T-TRADIZZJONIJIET GĦAWDXIN

Il-viżitaturi jagħżlu Għawdex għal diversi raġunijiet. Il-baħar u t-temp huma fost ir-raġunijiet. Dawk li jżuru Għawdex iktar minn darba jgħidu li jagħmlu hekk minħabba l-karattru u t-tradizzjonijiet Għawdxin. Għaldaqstant, dawn iridu jiġu protetti u jingħataw promozzjoni biex Għawdex iżid il-viżitaturi leali lejh bħala destinazzjoni u jkomplu jirritornaw drabi oħrajn fil-gżira.

## TISĦIĦ FL-INDUSTRIJA TAL-GĦADDS

L-industrija tal-għadds f'Għawdex hija stabbilita sew u tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tattira iktar turisti ta' kwalità minħabba tali turisti għandhom tendenza li jqattgħu btajjel itwal b'nefqa ogħla kull persuna. Il-Master Plan tal-Għadds għal Għawdex u Kemmuna jeħtieġ jibqa' jiġi aġġornat biex jissodisfa l-ħtiġijiet kemm preżenti u kif ukoll ta' snin li ġejjin sabiex din l-industrija tkompli żżid fil-kompetittività.

KAPITLU 6

# It-Tisħiħ tal-Identità t'Għawdex



L-identità Għawdxija tikkonsisti f'għadd ta' elementi uniċi u partikolari li kkaratterizzaw lill-komunitajiet Għawdxin u ntisġu bejniethom matul is-snin.

L-identità u l-kultura ma jistgħux jiġu separati minn xulxin. L-espressjoni artistika f'Għawdex hija viżibbli fis-siti storiċi u l-mużewijiet, it-teatri lokali, il-libreriji diġitali u tal-multi-media, kif ukoll il-libreriji tradizzjonali, l-iskejjel, il-gruppi reliġjużi u l-każini tal-banda. Tista' tħossha fil-qalba tal-irħula, f'kull faċċata tad-djar residenzjali, il-knejjes u l-binjiet pubbliċi u riċentament fit-tkabbir urban u l-iżvilupp. Il-kultura tal-gżira hija dimensjoni importanti għal Għawdex u tkompli tissaħħaħ meta jitlesta l-proġett tal-Mużew t'Għawdex.

L-arti, il-kultura u l-patrimonju għandhom ikunu protetti biex it-tradizzjonijiet jibqgħu ħajjin. Jeħtieġ li tingħata promozzjoni b'investiment sostnut u strateġiku biex tkompli żżomm ħajjin ir-relazzjonijiet u s-sinifikat komunitarju, kif ukoll tissarraf f'benefiċċji kulturali, ekonomiċi u soċjali fis-snin li ġejjin. Iktar minn hekk, il-protezzjoni tal-kultura u l-patrimonju mhux biss jipproteġu l-identità iżda wkoll itejbu l-iżvilupp soċjali t'Għawdex billi jgħaqqdu l-komunità.



# L-Iżvilupp Soċjali

L-iżvilupp soċjali jindirizza realtajiet speċifiċi u dejjiema t'Għawdex mill-ambitu tad-demografija, l-ekonomija u l-ambjent, b'investiment fiċ-ċittadini biex jiżdied il-kapital soċjali u jippermetti l-prosperità. L-iżvilupp soċjali għal Għawdex iktar sostenibbli u inklussiv jirnexxi jekk l-istituzzjonijiet soċjo-politiċi jirrevedu l-proċessi u l-prattiċi operattivi tagħhom biex jegħilbu b'suċċess l-isfidi tal-globalizzazzjoni.

L-GĦANIJIET:

- Tisħiħ tas-soċjetà Għawdxija u l-kapital soċjali tagħha;
- L-iżvilupp ta' komunitajiet siguri;
- Żieda fl-isforzi biex tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni;
- Tiffaċilita d-diversità u l-inklużjoni ta' diversi gruppi etniċi u ta' minoranzi razzjali;
- Tkun żgurata l-infrastruttura adegwata għall-iżvilupp soċjali;
- Jiġu żviluppati l-ħtiġijiet adegwati u effettivi għall-akkomodazzjoni soċjali.

Il-miri li jridu jinkisbu

## TITJIB FIL-PROGRAMM T'APPOĠĠ GĦALL-IMMIGRANTI

L-impatt tal-migrazzjoni fuq komunità żgħira bħal t'Għawdex hija realtà li trid tiġi aċċettata u indirizzata. Il-Viżjoni Soċjali għal Malta 2035 tinkoraġġixxi miżuri apposta mmirati għal inklużjoni soċjali minħabba li huwa 'fl-interess tas-soċjetà li tiżgura li l-benefiċċji u l-isfidi tal-migrazzjoni qed jiġu mmaniġġjati kif suppost'. L-integrazzjoni tista' ssir b'aspetti varji tal-ħajja bħall-edukazzjoni, ix-xogħol u l-ħajja soċjali. B'policies bbażata fuq l-evidenza, għandhom jiġu identifikati miżuri adegwati biex jindirizzaw b'mod aħjar il-bżonnijiet tal-popolazzjoni tal-immigranti f'Għawdex.

## TISĦIĦ TAD-DIVERSITÀ

Fl-aħħar diċenju, Għawdex ra bidla sinifikanti fl-aspett soċjali. Sar iktar miftuħ u b'iktar rieda li jaċċetta forom ġodda ta' relazzjonijiet soċjali. Mingħajr ma titnaqqas l-importanza tal-valuri tradizzjonali Għawdxin li huma parti integrali mill-identità tal-gżira, għandu jingħata għajnuna biex tiġi aċċettata iktar id-diversità. Komunitajiet importanti bħall-LGBTI+ jiffurmaw parti integrali mis-soċjetà Għawdxija u jridu jsiru sforzi biex jingħata iktar appoġġ f'dan ir-rigward.

## IL-ĦTIĠIJIET TAL-ANZJANI U L-PROMOZZJONI TAL-ANZJANITÀ ATTIVA

Biex tkun indirizzata l-isfida tas-soċjetà li qed dejjem tikber fl-età, jeħtieġ approċċ li jħares 'il quddiem billi janalizza mhux biss il-ħtiġijiet t'issa iżda b'mod partikolari dawk tas-snin li ġejjin. Għal dan il-għan, għandu jiġi studjat it-tibdil demografiku f'Għawdex fuq perjodu ta' żmien u l-implikazzjoni ta' dan it-tibdil f'termini ta' infrastruttura adegwata u policies studjati.

## IL-ĦIN LIBERU U L-ISPORT

Ladarba jkun lest, iċ-Ċentru Sportiv u Akwatiku fil-Belt Victoria se jkun ta' kontribut għat-tisħiħ tal-faċilitajiet sportivi f'Għawdex. Infrastruttura oħra, bħall-korsa taż-żwiemel f'Ta' Xħajma u r-range tal-isparar fiż-Żebbuġ se jiġu rranġati b'tali mod li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-isportivi tal-preżent u tal-futur.

L-isport u l-ħin liberu għar-rilassament għandhom ikomplu jingħataw promozzjoni bi sħubija mal-partijiet konċernati, fosthom l-għaqdiet sportivi u l-għaqdiet mhux governattivi. Jeħtieġ isir iktar investiment għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi u avvenimenti f'Għawdex.

## TITJIB FIL-KWALITÀ TAS-SERVIZZI SOĊJALI U TISĦIĦ FL-INFRASTRUTTURA SOĊJALI

Bħala parti mill-ħidma biex Għawdex ikollu soċjetà sostenibbli u inklussiva li tieħu ħsieb il-persuni l-iktar vulnerabbli fil-komunità, irrelevanti mill-età, is-sess, ir-razza u t-twemmin, il-fergħa Għawdxija tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) għandha tibqa' tistinka biex issaħħaħ l-infrastruttura soċjali t'Għawdex u toffri servizzi bħalma jingħataw f'Malta.

## ASSESSJAR TAL-ĦTIĠIJIET FL-AKKOMODAZZJONI U L-IPPJANAR TAL-INĦAWI TAL-MADWAR

Fl-aħħar snin, Għawdex ra żieda konsiderevoli ta' attività mill-industrija tal-kostruzzjoni li kellha impatt sostanzjali fuq il-madwar. Biha żdiedet b'mod sinifikanti l-provista tal-postijiet residenzjali f'Għawdex. Din se jkollha konsegwenzi fuq id-demografija f'Għawdex fis-snin li ġejjin. Għaldaqstant huwa importanti li wieħed jifhem l-użu tal-art f'Għawdex. Dan jgħin biex jifforma l-bażi tal-iżvilupp iktar studjat u b'miri speċifiċi, billi jidentifika xi ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi teħtieġ il-gżira.



# Il-Kultura, il-Patrimonju u l-Arti

Minkejja ċ-ċokon, l-attività kulturali tinħass f'Għawdex. Iktar minn hekk, minħabba d-daqs żgħir tal-gżira, din l-attività hija intensa, viżibbli u aċċessibbli. L-attività kulturali t'Għawdex hija parteċipattiva, partikularment b'rabta mat-tradizzjonijiet antiki li jagħtu lok għaċ-ċelebrazzjoni ta' ritwali, ċerimonji u attivitajiet fi spazji pubbliċi b'kalendarju stabbilit kemm ta' avvenimenti reliġjużi u oħrajn sekulari.

Din il-karatteristika tal-espressjoni kulturali Għawdxija mhix biss xi ħaġa li tiddistingwi lill-komunitajiet Għawdxin mill-Maltin, Mediterranji, u min dawk Ewropej. Dawn huma fatturi ta' kongregazzjoni soċjali li bl-inklużjoni tal-arti u l-patrimonju (tanġibbli u intanġibbli) ipoġġu lil Għawdex fuq il-mappa usa' Ewro-Mediterranja. Dawn il-forom t'espressjoni jikkontribwixxu ferm fir-rikkezza kulturali u s-sens kollettiv tal-identità.

L-GĦANIJIET:

- Tiżdied l-aċċessibilità u l-konnettività għall-patrimonju kulturali, riżorsi u attivitajiet fiżiċi u diġitali;
- Jiżdiedu l-kundizzjonijiet meħtieġa għat-talent lokali biex jiffjorixxi;
- Tingħata aktar ħajja lill-patrimonju Għawdxi billi jittellgħu attivitajiet kulturali ġodda;
- Tiżdied l-konnettività kulturali u d-djalogu u tissaħħaħ il-governanza reġjonali kulturali;
- Tingħata promozzjoni lill-kultura distintiva Għawdxija;
- Tiżdied d-diversifikazzjoni ekonomika, l-istimolu imprenditorjali u l-ħolqien tal-impjiegi f'settur kreattiv iktar robust.

Il-miri li jridu jinkisbu

### PROMOZZJONI TAL-IDENTITÀ TAL-IRĦULA GĦAWDXIN

Matul iż-żmien tal-istrateġija, jeħtieġ isiru sforzi biex tingħata promozzjoni u tiġi preservata l-identità fiżika (il-knejjes, il-pjazza tar-raħal, il-qalba tal-irħula, l-isqaqien tradizzjonali u l-inħawi ta' konservazzjoni urbana) u l-identità kulturali (il-festa, il-logħob tan-nar, il-każini tal-banda, in-negozji ż-żgħar) tal-irħula Għawdxin. Iktar minn hekk, matul iż-żmien tal-istrateġija, il-kunċett tal-użu tal-pjazza tar-raħal jew il-qalba tar-raħal għandhom jibdew jintużaw aħjar biex iħajru lill-artisti lokali u barranin jużawhom għax-xogħlijiet tagħhom.

### PROMOZZJONI U PROTEZZJONI TAL-PATRIMONJU U L-KULTURA GĦAWDXIJA

Minkejja ċ-ċokon, il-patrimonju u l-kultura Għawdxin huma sinifikanti. Il-patrimonju mibni Għawdxi fosthom il-knejjes, it-teatri, l-iskejjel, il-monumenti u l-ispazji pubbliċi kkontribwew għall-iżvilupp tal-identità u l-kultura tal-gżira. Bosta siti storiċi u kulturali f'Għawdex huma privati. Għawdex jeħtieġ isaħħaħ il-kunċett ta' għassiesa u amministraturi ta' tali siti sabiex jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet futuri. Jeħtieġ miżuri bħalma huma inventarju tal-patrimonju kulturali intanġibbli biex ikunu jistgħu jipproteġu u jippromwovu l-assi kulturali.

### TISĦIĦ TAS-SETTUR VOLONTARJU

B'konformità mal-Istrateġija Kulturali Reġjonali t'Għawdex 2020-2025, partikularment il-prijoritajiet tematiċi għall-innovazzjoni fit-turiżmu kulturali u l-aspetti kulturali l-oħra, it-teatri, il-mużewijiet u l-ispazji kulturali li jitmexxew mill-għaqdiet mhux governattivi jeħtieġ li jkun hemm iktar rabta bejn il-kultura kontemporanja u l-patrimonju kulturali bl-għoti tat-titlu ta' Spazju Kulturali Għawdxi. Dan jista' jagħti lok għal opportunitajiet ġodda ta' fondi għal organizzazzjonijiet kulturali ewlenin li jistgħu jgħinu biex jiżviluppaw iktar dan is-settur f'Għawdex kollu.

### ĦIDMA DWAR L-INTERNAZZJONALIZZAZZJONI TAL-KULTURA

Għawdex għandu potenzjal li jattira l-attivitajiet kulturali. Għandhom isiru sforzi kontinwi biex Għawdex jingħata promozzjoni bħala spazju kreattiv għall-artisti internazzjonali. Dan jista' jwassal biex jistieden artisti u kuraturi joqogħdu f'Għawdex. Dawn l-inizjattivi jsaħħu l-iskambju kulturali u artistiku, ikattru ideat ġodda u jiżviluppaw proġetti kreattivi ġodda.

### LEJN IT-TITLU TAL-KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA 2031

Wara s-sottomissjoni tal-espressjoni t'interess fl-2021 mill-Kunsill Reġjonali t'Għawdex, Għawdex huwa kandidat għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Għawdex issottometta wkoll il-kandidatura għat-titlu ta' Reġjun Ewropew tal-Gastronomija. Dawn l-inizjattivi għandhom jiġu appoġġjati u fl-istess waqt isiru sforzi biex jivvalorizzaw il-patrimonju u l-identità Għawdxija.

### ĦIDMA BIEX IĊ-ĊITTADELLA TIĠI DIKJARATA SIT PATRIMONJU DINJI TAL-UNESCO

Iċ-Ċittadella hija sit antik u fortifikata mibnija fuq għolja f'post strateġiku fil-Belt Victoria li minnha tista' tgawdi veduta tal-gżira kollha. Iċ-Ċittadella għandha storja twila u bħalissa tinsab fuq il-lista ta' Malta biex tikkwalifika għall-istatus ta' Sit Patrimonju Dinji tal-UNESCO. Jeħtieġ jibqgħu għaddejjin l-isforzi biex iċ-Ċittadella tikseb dan l-istatus prestiġġjuż.

KAPITLU 7

# Kwistjonijiet Globali, Azzjoni Lokali



# Is-Sostenibilità u Newtralità Klimatika

Il-kwistjonijiet urġenti li dejjem qed iżidu rigward is-sostenibilità u l-bidla fil-klima qed jiġġeneraw asimmetriji ġodda ambjentali, soċjali u kulturali. Dawn il-kwisjtonijiet globali qed jagħmlu pressjoni u jimbuttaw biex issir riflessjoni dwarhom u jiġu ndirizzati f'din l-istrateġija reġjonali b'interventi u azzjonijiet fuq livell reġjonali u lokali.

Id-dinja qed tipprova ma tużax iktar il-karbonju sa nofs dan is-seklu, tant li fl-2016 Malta wegħdet li se tagħti kontribut biex ma tibqax tisħon id-dinja b'inqas minn żewġ ċentigradi meta mqabbel mal-livelli ta' qabel l-era industrijali. Kif intqal min-Nazzjonijiet Uniti, dan it-tibdil radikali jeħtieġ trasformazzjoni ekonomika u soċjali ibbażati fuq ix-xjenza. Għawdex ukoll irid jagħti kontribut f'dan kollu billi fost l-oħrajn ibiddel l-ekonomija u l-kultura tiegħu biex jintlaħqu l-miri ambjentali.

Dawn il-miżuri qed jippruvaw jissodisfaw il-miri tal-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli 2030, il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Bidla fil-Klima, u s-Summit tal-COP26 li sar fi Glasgow. Dawn isaħħu l-Patt ta' Amsterdam 2016 u l-għanijiet strateġiċi, u l-Aġenda Urbana tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi l-livelli ta' sostenibilità ambjentali (l-użu sostenibbli tal-art, it-tranżizzjoni fl-enerġija, l-adattament tal-klima, il-mobilità urbana, il-kwalità tal-arja).

Il-Viżjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' Malta għall-2050 turi li Malta hija wieħed mill-ftit pajjiżi li għandhom mudell għall-iżvilupp sostenibbli, fejn jantiċipa l-bidla ekoloġika Ewropea li hemm fil-qafas tal-Ftehim Ambjentali Ewropew (2019-2024), u jiġi eliminat l-użu tal-gassijiet serra sal-2050.

Skont dawn il-linji gwida, l-istrateġiji li qed jiġu suġġeriti għandhom jiffukaw biex tonqos it-temperatura billi:

- Issir emfasi fuq bidla iktar mgħaġġla għal ekonomija diġitali bl-inqas użu possibbli tal-karbonju;
- Jonqsu l-emissjonijiet tal-metanju sal-2030 b'azzjonijiet sostenibbli u f'waqthom;
- Tinbena infrastruttura ġdida għat-trasport;
- Jiġu stabbiliti sistemi ta' produzzjoni u ekonomija ċirkulari;
- Ikun żgurat li l-mobilità tkun sostenibbli biex tnaqqas it-tniġġis fl-arja skont id-Direttiva Ewropea 2016/2284;
- Tiżdied l-afforestazzjoni u jiżdiedu l-ispazji ħodor f'ċerti postijiet: spazji naturali, pubbliċi u privati għandhom jadottaw il-prinċipju ta' afforestazzjoni urbana;
- Qalba għal binjiet b'enerġija sostenibbli u bl-inqas użu tal-karbonju kif ukoll jiġi protett, konservat u msaħħaħ l-iżvilupp urban;
- Jintuża materjal tal-kostruzzjoni li jżomm il-bini sħun;
- Isiru strateġiji għat-tisbiħ tal-irħula iktar milli jiffukaw fuq l-urbanizzazzjoni.

L-għan huwa li mhux biss tinkiseb in-newtralità klimatika iżda li tonqos it-temperatura u jonqsu l-konsegwenzi fuq l-iskarsità tal-ilma, billi Għawdex jinbidel f'post Ewropew bl-aħjar prattiċi u innovazzjoni. Wara sejħa mill-Kummissjoni Ewropea, li stiednet bliet biex juru interess fil-Missjoni Ewropea "100 Climate-Neutral and Smart Cities by 2030", f'April tal-2022, Għawdex intagħżel biex jingħaqad f'din il-Missjoni. Il-100 belt magħżula se jservu ta' esperiment u innovazzjoni biex iwittu t-triq għal bliet oħra Ewropej fit-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika sal-2050.

Bħala l-ewwel pass f'dan il-proċess, il-100 belt, fosthom Għawdex, se jaħdmu biex jikkommettu ruħhom li jwettqu bosta miżuri innovattivi li jindirizzaw in-newtralità klimatika fis-setturi kollha bħall-mobilità, il-bini, l-iskart u l-ippjanar urban. Iċ-ċittadini u s-settur privat se jkunu nvoluti f'dan il-proċess. Il-Missjoni tal-Ibliet se toffri possibilità ta' inizjattivi konġunti u kollaborazzjonijiet b'iktar opportunitajiet ta' fondi minn programmi tal-Unjoni Ewropea.

L-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex se timxi id f'id mal-inizjattiva 100 Climate-Neutral and Smart Cities billi tieħu sehem attiv u tkun kommessa li jintlaħqu l-miri stabbiliti f'dan ir-rigward.

# L-Għanijiet għall-Iżvilupp Sostenibbli

L-iżvilupp sostenibbli hija waħda mill-kwistjonijiet kritiċi globali ta' żmienna, b'appelli dejjem jiżdiedu fuq iċ-ċittadini privati u s-soċjetà ċivili biex jiżguraw li t-tkabbir ekonomiku ma jseħħx għas-spejjeż tal-ambjent u s-soċjetà. Kif mistenni, il-Gżejjer Maltin qed jadottaw il-kunċett tas-sostenibilità. Fil-fatt, fl-2012 il-Gvern Malti adotta l-Att dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fid-dinja, li jiffoka fuq il-prattiċi sostenibbli fl-operat tas-settur pubbliku u s-soċjetà b'mod ġenerali. Iktar minn hekk, fl-2018 il-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Bidla fil-Klima nieda l-Viżjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli 2050, li fiha hemm bosta għanijiet, proposti u miri biex isir iktar progress fl-iżvilupp sostenibbli tal-Gżejjer Maltin fuq medda ta' żmien. Is-sostenibilità hija ta' importanza partikolari għal Għawdex. Bil-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli bħala kejl għall-progress, Għawdex jista' jżomm l-assi soċjali u ambjentali għall-preservazzjoni tal-prosperità, l-identità, u d-diversità ekoloġika tal-gżira, b'sinsla reżiljenti għat-tkabbir ta' setturi ekonomiċi ġodda u soċjetà iktar inklussiva.

Minkejja l-aspetti komuni, Għawdex għandu bosta realtajiet ekonomiċi distintivi, karatteristiċi soċjo-kulturali, affarijiet pożittivi u negattivi li jiddistingwuh mill-kumplament tal-gżejjer Maltin. B'mod speċifiku, il-kundizzjonijiet u l-fatturi li jimmarkaw it-triq għall-iżvilupp sostenibbli f'Għawdex tista' tkun differenti minn dik ta' Malta. Għaldaqstant, biex ikun hemm is-sostenibilità f'Għawdex, jeħtieġ approċċ iffukat biex jintlaħqu l-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Minħabba n-natura ħolistika ta' dawn il-miri, l-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali saret b'tali mod li tiffoka fuq is-sostenibilità tant li titratta kull aspett tal-istrateġija b'din il-manjiera. It-tmien temi ta' prijorità identifikati f'dan id-dokument huma konformi mat-temi u l-prinċipji tal-Viżjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' Malta għall-2050.



*Tabella 2: Il-prijoritajiet fil-Viżjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' Malta għall-2050 u l-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli (SDGs)*

| PRIJORITAJIET FL-ISTRATEĠIJA GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI T'GĦAWDEX | PRINĊIPJI MILL-VIŻJONI GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI 2050 | SDGs RELEVANTI |
|---|---|---|
| L-ippjanar tal-Ispazju u l-Ippjanar urban b'mod sostenibbli f'Għawdex | Produzzjoni u konsum li jħarsu ekonomija ċirkulari;<br>Tranżizzjoni lejn enerġija b'livelli baxxi ta' karbonju;<br>Mobbilità sostenibbli;<br>Bini u żvilupp urban sostenibbli;<br>Protezzjoni, konservazzjoni u tisħieħ tan-natura. | SDG7 – Enerġija nadifa u affordabbli<br>SDG8 – Xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku<br>SDG9 – Industrija, innovazzjoni u infrastruttura<br>SDG11 – Bliet u komunitajiet sostenibbli<br>SDG12 – Konsum u produzzjoni responsabbli<br>SDG13 – Azzjoni dwar il-klima<br>SDG15 – Il-ħajja fuq l-art |
| L-infrastruttura u l-aċċessibilità | Mobbilità sostenibbli;<br>Tranżizzjoni lejn enerġija b'livelli baxxi tal-karbonju;<br>Saħħa tajba u stil san ta' għajxien;<br>Protezzjoni, konservazzjoni u t-tisħiħ tan-natura. | SDG3 – Saħħa tajba u stil san ta' għajxien<br>SDG7 – Enerġija affordabbli u nadifa<br>SDG9 – Industrija, innovazzjoni u infrastruttura<br>SDG11 – Bliet u komunitajiet sostenibbli<br>SDG13 – Azzjoni dwar il-klima<br>SDG15 – Il-ħajja fuq l-art |
| L-iżvilupp rurali | Produzzjoni u konsum li jħarsu ekonomija ċirkulari;<br>Tranżizzjoni lejn enerġija b'livelli baxxi tal-karbonju;<br>Protezzjoni, konservazzjoni u t-tisħiħ tan-natura. | SDG7 – Enerġija affordabbli u nadifa<br>SDG8 – Xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku<br>SDG9 – Industrija, innovazzjoni u infrastruttura<br>SDG11 – Bliet u komunitajiet sostenibbli<br>SDG12 – Konsum u produzzjoni responsabbli<br>SDG13 – Azzjoni dwar il-klima<br>SDG14 – Il-ħajja taħt l-ilma<br>SDG15 – Il-ħajja fuq l-art |

| PRIJORITAJIET FL-ISTRATEĠIJA GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI T'GĦAWDEX | PRINĊIPJI MILL-VIŻJONI GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI 2050 | SDGs RELEVANTI |
|---|---|---|
| L-iżvilupp ekonomiku u t-talent uman | Il-ħolqien ta' impjiegi b'ħiliet għolja u b'valur miżjud;<br>Edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja;<br>Suq tax-xogħol ġust u inklussiv. | SDG4 – Edukazzjoni ta' kwalità<br>SDG5 – Ugwaljanza bejn is-sessi<br>SDG8 – Xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku<br>SDG9 – Industrija, innovazzjoni u infrastruttura<br>SDG10 – Tnaqqis fl-inugwaljanzi |
| Ekonomija ġdida | Tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali;<br>Tranżizzjoni lejn ekonomija b'livelli baxxi ta' karbonju;<br>Edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja;<br>Suq tax-xogħol ġust u inklussiv;<br>Żieda fl-investiment għat-tiġdid u l-innovazzjoni. | SDG4 – Edukazzjoni ta' kwalità<br>SDG7 – Enerġija affordabbli u nadifa<br>SDG8 – Xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku<br>SDG9 – Industrija, innovazzjoni u infrastruttura<br>SDG10 – Tnaqqis fl-inugwaljanzi |
| Turiżmu sostenibbli | Tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali;<br>Tranżizzjoni lejn ekonomija b' livelli baxxi ta' karbonju;<br>Protezzjoni, konservazzjoni u t-tisħiħ tan-natura. | SDG8 – Xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku<br>SDG9 – Industrija, innovazzjoni u infrastruttura<br>SDG14 – Il-ħajja taħt l-ilma<br>SDG15 – Il-ħajja fuq l-art |
| L-iżvilupp soċjali | Ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;<br>Komunitajiet aktar siguri u integrati;<br>Żieda fl-investiment għat-tiġdid u l-innovazzjoni;<br>Saħħa tajba u stil san ta' għajxien. | SDG1 – Ebda faqar<br>SDG2 – Ebda ġuħ<br>SDG3 – Saħħa tajba u stil san ta' għajxien<br>SDG9 – Industrija, innovazzjoni u infrastruttura<br>SDG10 – Tnaqqis fl-inugwaljanzi<br>SDG11 – Bliet u komunitajiet sostenibbli |
| Il-kultura, il-patrimonju u l-arti | Il-ħolqien ta' impjiegi b'ħiliet għolja u b'valur miżjud;<br>Protezzjoni, konservazzjoni u t-tisħiħ tan-natura;<br>Komunitajiet aktar siguri u integrati. | SDG8 – Xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku<br>SDG9 – Industrija, innovazzjoni u infrastruttura<br>SDG10 – Tnaqqis fl-inugwaljanzi<br>SDG11 – Bliet u komunitajiet sostenibbli<br>SDG15 – Il-ħajja fuq l-art |

L-AWTORITÀ GĦALL-IŻVILUPP
REĠJONALI T'GĦAWDEX

L-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali t'Għawdex,
75, Triq ir-Repubblika, Victoria (ir-Rabat), Għawdex, Malta

**Tel:** +356 2215 6333

**Email:** info@grda.mt

**www.grda.mt**